# 42. Il-Milja tal-Qamar

Il-Qamar kollu mtela,
u mela l-ħlejjaq bih;
kull fejn tħares dlonk tilmaħ
qamar leqqien sabiħ:

Qamar ġol-għajn ta’ l-ilma,
qamar mal-għonq taż-żir,
u jekk tiftaħ il-bieba
qamar fil-fond tal-bir;

Qamar fil-għajn tal-kokka,
fil-weraq sewdenin;
ma hemmx fil-għajn tal-bliebel
għax issa lkoll reqdin;

Qamar f’xifer kull mewġa,
qamar f’għajn is-sajjied,
fil-qasba, fil-kaħlija
meħula għal għarried...

U waqt li jraxxax dawlu,
jagħni kull ħlieq bil-ġid,
u jiżra’ ġewwa ġufu
iż-żrieragħ tat-twelid.

Jien naf ruħ oħra bħalek,
ja Qamar kollok ġmiel,
u bħalek din mimlija
bi ħlewwa ta’ bla ħjiel,

Tissejjaħ ir-Rebbiegħa,
li timla s-sema u l-art
bid-dawl, bis-sebħ, bil-hena,
bl-ilwien, biż-żahar, bil-ward.

U bħalek, waqt li traxxax
ġmielha fuq il-ħlejqiet,
tiżra’ fil-qalb ta’ ġufhom
iż-żrieragħ tal-wildiet.

Bħall-fjuri tar-rebbiegħa
il-qamar fuq kull ħlieq
imil, jitbiel, u jonqos,
sakemm fix-xejn jiblieq;

Bħall-fjuri tar-rebbiegħa
il-qamar fil-ħlejqiet
imut u jgħix għal dejjem
ma' tul iż-żminijiet.